# KUMMISSJONI

## DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

**tat-22 ta' Lulju 2008**

**dwar importazzjonijiet ta' semen, ova u embrijuni ta' l-ispeċi ovini u kaprini fil-Komunità fir-rigward ta' listi ta' pajjiżi terzi u ta' ċentri tal-ġbir tas-semen u timijiet tal-ġbir ta' l-embrijuni, u rekwiżiti ta' ċertifikazzjoni**

*(notifikata taħt id-dokument numru C(2008) 3625)*

**(Test b'relevanza għaż-ŻEE)**

(2008/635/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 92/65/KEE tat-13 ta' Lulju 1992 li tistipula rekwiżiti tas-saħħa ta' l-annimali li jirregolaw il-kummerċ u l-importazzjonijiet fil-Komunità ta' l-annimali, semen, ova u embrijuni mhux suġġetti għal rekwiżiti tas-saħħa ta' l-annimali stipulati f'regoli Komunitarji speċifiċi msemmija fl-Anness A(I) tad-Direttiva 90/425/KEE ([1]), u b'mod partikolari fl-Artikolu 17(2)(b), fl-Artikolu 17(3), fl-ewwel inċiż ta' l-Artikolu 18(1), u fil-frażi introduttorja u l-punt (b) ta' l-Artikolu 19 tagħha,

Billi:

(1) Id-Direttiva 92/65/KEE tistipula r-rekwiżiti tas-saħħa ta' l-annimali li jirregolaw il-kummerċ u l-importazzjonijiet fil-Komunità ta' annimali, semen, ova u embrijuni mhux suġġetti għar-rekwiżiti tas-saħħa ta' l-annimali stipulati fl-atti Komunitarji speċifiċi msemmija fiha. Id-Direttiva tipprovdi wkoll għall-istabbiliment ta' lista ta' dawk il-pajjiżi terzi jew partijiet minn pajjiżi terzi, li jistgħu jipprovdu garanziji ekwivalenti għal dawk ipprovduti fil-Kapitolu II tagħha, li minnhom l-Istati Membri jistgħu jimportaw is-semen, l-ova u l-embrijuni ta' l-ispeċi ovini u kaprini.

(2) Id-Direttiva 92/65/KEE tistipula wkoll il-ħolqien ta' lista ta' ċentri tal-ġbir tas-semen u l-embrijuni f'pajjiżi terzi, li għalihom dawk il-pajjiżi terzi jistgħu jagħtu l-garanziji msemmija fl-Artikolu 11 ta' dik id-Direttiva.

(3) Madankollu, fir-rigward taċ-ċentri tal-ġbir għall-ova u l-embrijuni ta' l-ispeċi ovini u kaprini, għar-raġuni tal-konsistenza tal-leġiżlazzjoni Komunitarja, u b'kunsiderazzjoni tan-nomenklatura internazzjonali, huwa iktar xieraq li jintuża t-terminu "timijiet għall-ġbir ta' l-embrijuni" minflok "ċentri tal-ġbir" f'dak il-każ.

(4) Id-Direttiva 92/65/KEE tgħid li s-semen, l-ova u l-embrijuni ta' l-ispeċi ovini u kaprini li għandhom jiġu importati fil-Komunità jridu jkunu akkumpanjati miċ-ċertifikati tas-saħħa, li l-mudelli tagħhom għandhom jiġu stabbiliti skond dik id-Direttiva.

(5) Id-Direttiva 92/65/KEE tistipula wkoll it-twaqqif tal-garanziji jew ir-rekwiżiti tas-saħħa ta' l-annimali speċifiċi ekwivalenti għal dawk imsemmija f'dik id-Direttiva, għal importazzjonijiet fil-Komunità ta' semen, ova u embrijuni ta' l-ispeċi ovini u kaprini.

(6) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 94/63/KE tal-31 ta' Jannar 1994 li telenka lista ta' pajjiżi terzi li minnhom l-Istati Membri jawtorizzaw l-importazzjonijiet tas-semen, l-ova u l-embrijuni ta' l-ispeċi ovini u kaprini, u l-importazzjonijiet ta' l-ova u l-embrijuni ta' l-ispeċi tal-porċini ([2]) tgħid li l-Istati Membri għandhom jawtorizzaw l-importazzjonijiet tas-semen, l-ova u l-embrijuni ta' l-ispeċi ovini u kaprini mill-pajjiżi terzi li jidhru fil-lista fl-Anness tad-Direttiva tal-Kunsill 79/542/KEE ([3]), li minnhom huma awtorizzati l-importazzjonijiet ta' annimali ħajjin ta' l-ispeċi ovini u kaprini.

([1]) ĠU L 268, 14.9.1992, p. 54. Id-Direttiva kif emendata l-aħħar mid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2007/265/KE (ĠU L 114, 1.5.2007, p. 17).

([2]) ĠU L 28, 2.2.1994, p. 47. Id-Deċiżjoni kif emendata l-aħħar mid-Deċiżjoni 2004/211/KE (ĠU L 73, 11.3.2004, p. 1).

([3]) ĠU L 146, 14.6.1979, p. 15. Id-Deċiżjoni kif emendata l-aħħar mid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2008/61/KE (ĠU L 15, 18.1.2008, p. 33).

(7) Id-Deċiżjoni 94/63/KE issa ġiet irrevokata mid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2008/636/KE ([1]).

(8) Għalhekk, din id-Deċiżjoni għandha tistabbilixxi lista ta' pajjiżi terzi li minnhom l-Istati Membri jridu jawtorizzaw l-importazzjonijiet tas-semen, l-ova u l-embrijuni ta' l-ispeċi ovini u kaprini.

(9) Il-listi taċ-ċentri tal-ġbir tas-semen u t-timijiet għall-ġbir ta' l-embrijuni li minnhom l-Istati Membri għandhom jawtorizzaw importazzjonijiet tas-semen, l-ova u l-embrijuni ta' l-ispeċi ovini u kaprini, li joriġinaw fil-pajjiżi terzi, għandhom jiġu stabbiliti wkoll minn dik id-Deċiżjoni.

(10) L-Artikolu 17(3) tad-Direttiva 92/65/KEE jistipula l-proċedura ta' l-emendi għal-listi taċ-ċentri tal-ġbir tas-semen u t-timijiet għall-ġbir ta' l-embrijuni li minnhom l-Istati Membri għandhom jawtorizzaw l-importazzjonijiet tas-semen, l-ova u l-embrijuni ta' l-ispeċi ovini u kaprini. Il-listi emendati għandhom jiġu ppubblikati fuq is-sit elettroniku tal-Kummissjoni ([2]).

(11) Għall-fini tal-konsistenza tal-leġiżlazzjoni Komunitarja, ir-rekwiżiti li jirregolaw il-kummerċ intra-Komunitarju ta' l-ovini u l-kaprini għat-tgħammir, u r-reġimi ta' testijiet speċifiċi għal dawk l-annimali, stipulati fid-Direttiva tal-Kunsill 91/68/KEE tat-28 ta' Jannar 1991 dwar il-kundizzjonijiet tas-saħħa ta' l-annimali li jirregolaw il-kummerċ intra-Komunitarju ta' l-ovini u l-kaprini ([3]), għandhom jitqiesu fil-mudell taċ-ċertifikat tas-saħħa għall-importazzjonijiet tas-semen ta' l-ispeċi ta' l-ovini u l-kaprini elenkat f'din id-Deċiżjoni.

(12) Il-kundizzjonijiet tas-saħħa ta' l-annimali għall-importazzjoni fil-Komunità ta' annimali ta' l-ispeċi ta' l-ovini u l-kaprini intenzjonati għat-tgħammir huma stipulati fid-Deċiżjoni 79/542/KEE. Dawn ir-rekwiżiti għandhom jittieħdu f'kunsiderazzjoni wkoll fil-mudell taċ-ċertifikat tas-saħħa għall-importazzjonijiet tas-semen ta' l-ispeċi ta' l-ovini u l-kaprini elenkat f'din id-Deċiżjoni.

(13) Ċerti mardiet infettivi ta' l-annimali ta' l-ispeċi ta' l-ovini u l-kaprini jiġu trażmessi mis-semen. Għalhekk, testijiet partikolari fuq is-saħħa ta' l-annimali li jidentifikaw tali mardiet għandhom jitwettqu skond programmi ta' testijiet speċifiċi li jirriflettu l-movimenti tad-donaturi qabel, u matul, il-perjodu tal-ġbir tas-semen. Dawk it-testijiet u l-programmi tat-testijiet għandhom ikunu skond l-istandards internazzjonali u għalhekk għandhom ikunu indikati fil-mudell taċ-ċertifikat tas-saħħa għal importazzjonijiet tas-semen ta' l-ispeċi ta' l-ovini u l-kaprini elenkat f'din id-Deċiżjoni.

(14) Għandhom jitqiesu wkoll id-dispożizzjonijiet tar-Regolament (KE) Nru 999/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Mejju 2001 li jistipulaw ir-regoli għall-prevenzjoni, il-kontroll u l-eradikazzjoni ta' ċerti enċefalopatiji sponġiformi trażmissibbli ([4]) u tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru. 546/2006 tal-31 ta' Marzu 2006 li jimplimenta r-Regolament (KE) Nru 999/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward ta' programmi nazzjonali ta' kontroll tal-marda *scrapie* u garanziji addizzjonali u li jidderogaw minn ċerti rekwiżiti tad-Deċiżjoni 2003/100/KE u li jirrevoka r-Regolament (KE) Nru 1874/2003 ([5]).

(15) Il-kundizzjonijiet sanitarji għall-ġbir, l-ipproċessar, il-ħżin u t-trasport ta' l-ova u l-embrijuni u l-kundizzjonijiet tas-saħħa applikati għad-donaturi nisa huma stipulati fil-Kapitoli III u IV ta' l-Anness D tad-Direttiva 92/65/KEE. Madankollu, huwa meħtieġ li jiġu pprovduti garanziji addizzjonali, b'mod partikolari fir-rigward tas-sorveljanza veterinarja uffiċjali tat-timijiet għall-ġbir ta' l-embrijuni f'din id-Deċiżjoni.

(16) Fl-interessi taċ-ċarezza tal-leġiżlazzjoni Komunitarja, huwa xieraq li f'din id-Deċiżjoni tiġi elenkata lista ta' pajjiżi terzi u ta' ċentri approvati għall-ġbir tas-semen li minnhom l-Istati Membri għandhom jawtorizzaw l-importazzjonijiet fil-Komunità tas-semen ta' l-ispeċi ta' l-ovini u l-kaprini, lista ta' pajjiżi terzi u ta' timijiet approvati għall-ġbir ta' l-embrijuni li minnhom l-Istati Membri għandhom jawtorizzaw l-importazzjonijiet fil-Komunità ta' l-ova u l-embrijuni ta' dawk l-ispeċi, u r-rekwiżiti taċ-ċertifikazzjoni relatati ma' tali importazzjonijiet sabiex dawn ir-rekwiżiti kollha jinġabru taħt att wieħed.

([1]) Ara paġna 32 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali.
([2]) http://circa.europa.eu/irc/sanco/vets/info/data/semen/semen.html
([3]) ĠU L 46, 19.2.1991, p. 19. Id-Direttiva kif emendata l-aħħar mid-Direttiva 2006/104/KE (ĠU L 363, 20.12.2006, p. 352).
([4]) ĠU L 147, 31.5.2001, p. 1. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 571/2008 (ĠU L 161, 20.6.2008, p. 4).
([5]) ĠU L 94, 1.4.2006, p. 28.

(17) Fl-applikazzjoni tad-Deċiżjoni preżenti, għandhom jitqiesu r-rekwiżiti taċ-ċertifikazzjoni speċifiċi stipulati fil-punt 7(b) tal-Kapitolu IX(B) ta' l-Appendiċi 2 ta' l-Anness 11 mal-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar il-Kummerċ tal-Prodotti Agrikoli ([1]), kif approvat mid-Deċiżjoni 2002/309/KE, Euratom tal-Kunsill u tal-Kummissjoni, fir-rigward tal-Ftehim dwar il-Kooperazzjoni Xjentifika u Teknoloġika, ta' l-4 ta' April 2002 mal-konklużjoni ta' seba' Ftehimiet mal-Konfederazzjoni Żvizzera ([2]). Għalhekk, għall-konsenji ta' semen, ova jew embrijuni ta' l-ispeċi ta' l-ovini jew tal-kaprini mill-Iżvizzera għall-Komunità, iċ-ċertifikati pprovduti fid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 95/388/KE tad-19 ta' Settembru 1995 li tiddetermina l-kampjun taċ-ċertifikat għall-kummerċ intra-Komunitarju fis-semen, l-ova u l-embrijuni ta' l-ispeċi ovini u kaprini ([3]) għandhom japplikaw, kif adottati b'konformità ma' dik id-Deċiżjoni.

(18) Fl-applikazzjoni tad-Deċiżjoni preżenti, għandhom jitqiesu r-rekwiżiti taċ-ċertifikazzjoni speċifiċi u ta' l-attestazzjonijiet tal-mudell tas-saħħa li jistgħu jiġu stipulati skond il-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Gvern tal-Kanada dwar miżuri sanitarji biex tiġi mħarsa s-saħħa pubblika u ta' l-annimali fir-rigward tal-kummerċ fl-annimali ħajjin u prodotti ta' l-annimali ([4]), kif approvat mid-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/201/KE ([5]).

(19) Fl-applikazzjoni tad-Deċiżjoni preżenti, għandhom jitqiesu wkoll ir-rekwiżiti taċ-ċertifikazzjoni speċifiċi u ta' l-attestazzjonijiet tal-mudell tas-saħħa li jistgħu jiġu stipulati skond il-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u New Zealand dwar miżuri sanitarji applikabbli għall-kummerċ fl-annimali ħajjin u prodotti ta' l-annimali ([6]), kif approvat mid-Deċiżjoni tal-Kunsill 97/132/KE ([7]).

(20) Il-miżuri elenkati f'din id-Deċiżjoni huma skond l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti għall-Katina Alimentari u s-Saħħa ta' l-Annimali,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

**Importazzjonijiet tas-semen**

L-Istati Membri għandhom jawtorizzaw l-importazzjonijiet tas-semen ta' l-ispeċi ovini u kaprini, miġbura f'pajjiż terz u f'ċentru approvat għall-ġbir tas-semen, elenkati fl-Anness I, u li jikkonformaw mar-rekwiżiti tas-saħħa ta' l-annimali stipulati fil-mudell taċ-ċertifikat tas-saħħa fl-Anness II.

*Artikolu 2*

**Importazzjonijiet ta' l-ova u l-embrijuni**

L-Istati Membri għandhom jawtorizzaw l-importazzjonijiet ta' l-ova u l-embrijuni ta' l-ispeċi ovini u kaprini, miġbura f'pajjiż terz u minn tim approvat għall-ġbir ta' l-embrijuni, elenkati fl-Anness III, u li jikkonformaw mar-rekwiżiti tas-saħħa ta' l-annimali stipulati fil-mudell taċ-ċertifikat tas-saħħa fl-Anness IV.

*Artikolu 3*

**Applikabilità**

Din id-Deċiżjoni għandha tibda tapplika mill-1 ta' Settembru 2008.

*Artikolu 4*

**Destinatarji**

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Brussell, 22 ta' Lulju 2008.

*Għall-Kummissjoni*

Androulla VASSILIOU

*Membru tal-Kummissjoni*

---

([1]) ĠU L 114, 30.4.2002, p. 132.
([2]) ĠU L 114, 30.4.2002, p. 1.
([3]) ĠU L 234, 3.10.1995, p. 30. Id-Deċiżjoni kif emendata bid-Deċiżjoni 2005/43/KE (ĠU L 20, 22.1.2005, p. 34).
([4]) ĠU L 71, 18.3.1999, p. 3.
([5]) ĠU L 71, 18.3.1999, p. 1.
([6]) ĠU L 57, 26.2.1997, p. 5.
([7]) ĠU L 57, 26.2.1997, p. 4. Id-Deċiżjoni kif emendata bid-Deċiżjoni 1999/837/KE (ĠU L 332, 23.12.1999, p. 1).

*ANNESS I*

**Lista ta' pajjiżi terzi u ċentri approvati għall-ġbir tas-semen li minnhom l-Istati Membri jridu jawtorizzaw l-importazzjonijiet tas-semen ta' l-ispeċi ta' l-ovini u tal-kaprini**

| Kodiċi ta' l-ISO | Isem tal-Pajjiż terz | Numru ta' l-approvazzjoni taċ-ċentru | Isem iċ-ċentru | Indirizz taċ-ċentru | Data ta' l-approvazzjoni taċ-ċentru | Rimarki | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | | | | Deskrizzjoni tat-territorju (*jekk ikun xieraq*) | Garanziji addizzjonali |
| AU | L-Awstralja | | | | | | Il-garanziji addizzjonali fir-rigward ta' l-ittestjar stipulati fil-punti II.4.8 u II.4.9 taċ-ċertifikat fl-Anness II huma obbligatorji. |
| CA | Il-Kanada | | | | | It-territorju kif deskritt fl-Ewwel Parti ta' l-Anness I tad-Deċiżjoni 79/542/KEE (kif emendat l-aħħar). | Il-garanzija addizzjonali fir-rigward ta' l-ittestjar stipulata fil-punt II.4.8 taċ-ċertifikat fl-Anness II hija obbligatorja. |
| CH | L-Iżvizzera | | | | | | |
| CL | Iċ-Ċilì | | | | | | |
| GL | Greenland | | | | | | |
| HR | Il-Kroazja | | | | | | |
| IS | L-Iżlanda | | | | | | |
| NZ | New Zealand | | | | | | |
| PM | Saint Pierre and Miquelon | | | | | | |
| US | L-Istati Uniti | | | | | | Il-garanzija addizzjonali fir-rigward ta' l-ittestjar stipulata fil-punt II.4.8 taċ-ċertifikat fl-Anness II hija obbligatorja. |

*Noti*

(a) Iċ-ċertifikati tas-saħħa għandhom jiġu prodotti mill-pajjiż li jesporta, ibbażati fuq il-mudell li jidher fl-Anness II. Dawn għandhom jinkludu, fl-ordni nnumerata li tidher fil-mudell, l-attestazzjonijiet li huma meħtieġa għal kwalunkwe pajjiż terz u, kif jista’ jkun il-każ, dawk il-garanziji supplimentari li huma meħtieġa għall-pajjiż terz li jesporta kif indikat fl-Anness I.

Jekk jintalab dan mill-Istat Membru ta’ l-UE tad-destinazzjoni, ir-rekwiżiti taċ-ċertifikazzjoni addizzjonali għandhom jiġu inkorporati wkoll fil-forma oriġinali taċ-ċertifikat tas-saħħa.

(b) Il-verżjoni oriġinali ta’ kull ċertifikat għandha tikkonsisti minn paġna waħda, b’żewġ naħat, jew, fejn ikun hemm bżonn ta’ aktar kitba, din għandha tkun f’tali forma li l-paġni kollha meħtieġa jkunu jagħmlu parti minn kopja sħiħa integrata u indiviżibbli.

(ċ) Iċ-ċertifikat għandu jiġi abbozzat f’mill-inqas waħda mil-lingwi uffiċjali ta’ l-Istat Membru ta’ l-UE fejn għandha ssir l-ispezzjoni fil-post fuq il-fruntiera u ta’ l-Istat Membru ta’ l-UE tad-destinazzjoni. Madankollu, dawn l-Istati Membri jistgħu jippermettu lingwa Komunitarja oħra minflok il-lingwa tagħhom, akkumpanjata, jekk ikun hemm bżonn, minn traduzzjoni uffiċjali.

(d) Jekk għal raġunijiet ta’ identifikazzjoni ta’ l-oġġetti tal-konsenja (skeda fil-punt I.28 tal-mudell taċ-ċertifikat), jiġu mehmuża paġni addizzjonali maċ-ċertifikat, dawn il-paġni għandhom jitqiesu wkoll bħala li jiffurmaw parti mill-verżjoni oriġinali taċ-ċertifikat bl-applikazzjoni tal-firma u t-timbru tal-veterinarju uffiċjali li jiċċertifika, fuq kull paġna.

(e) Meta ċ-ċertifikat, inklużi l-iskedi addizzjonali msemmija fil-punt d), ikun jinkludi aktar minn paġna waħda, kull paġna għandha tkun innumerata – (*numru tal-paġna*) minn (*numru totali ta’ paġni*) – fil-parti ta’ isfel tagħha u għandha ġġib in-numru tal-kodiċi taċ-ċertifikat li jkun ġie speċifikat mill-awtorità kompetenti fuq il-parti ta’ fuq tagħha.

(f) Il-verżjoni oriġinali taċ-ċertifikat għandha titlesta u tiġi ffirmata minn veterinarju uffiċjali sa l-aħħar ġurnata tax-xogħol qabel issir it-tagħbija tal-konsenja għall-esportazzjoni lejn il-Komunità. Meta jagħmlu dan, l-awtoritajiet kompetenti tal-pajjiż li jesporta għandhom jassiguraw li jiġu segwiti l-prinċipji taċ-ċertifikazzjoni ekwivalenti għal dawk stipulati fid-Direttiva tal-Kunsill 96/93/KE.

Il-kulur tal-firma għandu jkun differenti minn dak ta’ l-istampar. L-istess regola tapplika għal timbri differenti minn dawk li jkunu mqabbżin jew tat-tip *watermark*.

(g) Il-verżjoni oriġinali taċ-ċertifikat għandha takkumpanja l-konsenja sakemm din tasal fil-post ta’ l-ispezzjoni fuq il-fruntiera ta’ l-UE.

(h) Iċ-ċertifikat għandu jkun validu għal għaxart ijiem mid-data tal-ħruġ. Fil-każ ta’ trasport bil-baħar, iż-żmien tal-validità jittawwal skond iż-żmien li jieħu l-vjaġġ bil-vapur.

(i) Is-semen u l-ova/embrijuni m’għandhomx jiġu ttrasportati fl-istess kontejner ma’ semen u ova/embrijuni oħrajn li, jew id-destinazzjoni tagħhom m’hijiex il-Komunità Ewropea, jew inkella huma ta’ status tas-saħħa aktar baxx.

(j) Matul it-trasport tiegħu lejn il-Komunità Ewropea, il-kontejner għandu jibqa’ magħluq u s-siġill m’għandux jinkiser.

(k) In-numru tar-referenza taċ-ċertifikat imsemmi fil-kaxxi I.2 u II.a. għandu jinħareġ mill-awtorità kompetenti.

*ANNESS II*

**Mudell ta' ċertifikat tas-saħħa għall-importazzjoni tas-semen ta' l-ispeċi ovini u kaprini**

**PAJJIŻ** **Iċ-ċertifikat veterinarju għall-UE**

**Parti I : Dettalji tal-kunsinja mibgħuta**

| | |
|---|---|
| I.1. Kunsinnatur<br>Isem<br>Indirizz<br>Tel. Nru | I.2. Numru ta' Ċertifikat ta' riferenza — I.2.a<br>I.3. Awtorità Ċentrali kompetenti<br>I.4. Awtorità lokali kompetenti |
| I.5. Destinatarju<br>Isem<br>Indirizz<br>Kodiċi Postali<br>Tel. Nru | I.6. Persuna responsabbli mill-kunsinja fl-UE<br>Isem<br>Indirizz<br>Kodiċi Postali<br>Tel. Nru |
| I.7. Pajjiż ta' oriġini — Kodiċi ISO<br>I.8. Reġjun ta' oriġini — Kodiċi | I.9. Pajjiż ta' destinazzjoni — Kodiċi ISO<br>I.10. Reġjun ta' destinazzjoni — Kodiċi |
| I.11. Pajjiż ta' oriġini<br>Isem — Numru approvat<br>Indirizz<br>Isem — Numru approvat<br>Indirizz<br>Isem — Numru approvat<br>Indirizz | I.12. Post ta' destinazzjoni<br>Isem<br>Indirizz<br>Kodiċi Postali |
| I.13. Post ta' tagħabija | I.14. Data ta' tluq |
| I.15. Mezz ta' trasport<br>Ajruplan ☐ Vaxxel ☐ Vagun ☐<br>Vejikolu tat-triq ☐ Oħrajn ☐<br>Identifikazzjoni :<br>Referenzi Dokumentarji: | I.16. BIP tad-dħul fl-UE<br>I.17. |
| I.18. Deskrizzjoni tal-prodott | I.19. Kodiċi tal-Komodità (Kodiċi CN)<br>**05 11 99 90**<br>I.20. Kwantità |
| I.21. | I.22. Numru ta' pakketti |
| I.23. Identifikazzjoni tal-kontenitur/ Numru ta' siġill | I.24. |
| I.25. Prodotti ċċertifikati<br>Riproduzzjoni artifiċjali ☐ | |
| I.26. Għat-tranżitu fl-UE lejn Pajjiż Terz ☐<br>Pajjiż terz — Kodiċi ISO | I.27. Għall-importazzjoni jew l-ammissjoni fl-UE ☐ |

I.28. Identifikazzjoni tal-prodotti

| Speċi (Isem xjentifiku) | Marka ta' identifikazzjoni | Numru ta' l-approvazzjoni taċ-ċentru | Kwantità |
|---|---|---|---|
| | | | |

**PAJJIŻ** **Semen ovini u kaprini**

Parti II: Ċertifikazzjoni

| II. Informazzjoni dwar is-saħħa | II.a. Numru ta' referenza taċ-ċertifikat | II.b. |
|---|---|---|

Jien, il-veterinarju uffiċjali sottoskritt, b'dan niċċertifika li:

II.1. il-pajjiż esportatur ..........
(isem il-pajjiż esportatur) (2)

II.1.1. kien liberu minn rinderpest, peste des petits ruminants, ġidri tan-nagħaġ u tal-mogħoż, plewropnewmonite ta' l-annimali kaprini li tittieħed u mill-marda ta' Rift Valley matul it-12-il xahar immedjatament qabel il-ġbir tas-semen li ried jiġi esportat u sad-data tad-dispaċċ tiegħu u ma sar l-ebda tilqim kontra dan il-mard matul dak il-perjodu;

II.1.2. kien liberu mill-marda ta' l-ilsien u d-dwiefer matul it-12-il xahar eżatt qabel il-ġbir tas-semen għall-esportazzjoni u sad-data tat-tluq u ma sar l-ebda tilqim kontra din il-marda matul l-istess perjodu;

II.2. iċ-ċentru li minn fejn inġabar is-semen li jrid jiġi esportat:

II.2.1. jissodisfa l-kundizzjonijiet stipulati fil-Kapitolu I(I) ta' l-Anness D tad-Direttiva 92/65/KEE;

II.2.2. tħaddem u ġie ssorveljat skond il-kundizzjonijiet stipulati fil-Kapitolu I(II) ta' l-Anness D tad-Direttiva 92/65/KEE;

II.3. l-annimali ovini u kaprini (1) li hemm fiċ-ċentru għall-ġbir tas-semen:

II.3.1. qabel ma tqiegħdu fl-akkomodazzjoni fi kwarantina deskritta fil-punt II.3.2,

*(1)(4) jew* [II.3.1.1. joriġinaw mit-territorju deskritt fil-punt I.8, li ġie rikonoxxut bħala uffiċjalment liberu minn brucellosis (*B. melitensis*), u]

*(1) jew* [II.3.1.1. kienu jappartjenu lil stabbiliment li kiseb u żamm l-istat tiegħu ta' liberu minn brucellosis (*B. melitensis*) skond id-Direttiva 91/68/KEE, u]

*(1) jew* [II.3.1.1. joriġinaw minn razzett, fejn fir-rigward tal-brucellosis (*B. melitensis*) l-annimali suxxettibbli kollha kienu liberi minn sinjali kliniċi jew kwalunkwe sinjali ta' din il-marda għall-aħħar 12-il xahar, l-ebda annimali ovini u kaprini ma tlaqqmu kontra l-marda, ħlief dawk imlaqqma minn tilqima Rev. 1 iktar minn sentejn ilu, u l-annimali ovini u kaprini kollha ta' età ta' iktar minn sitt xhur ġew suġġetti għal ta' l-inqas żewġ testijie(3), li saru b'riżultati negattivi fuq kampjuni meħuda........................ (*data*) u .......................(*data*) ta' l-inqas sitt xhur 'il bogħod minn xulxin, b'ta' l-aħħar ikunu fi żmien 30 jum mill-akkomodazzjoni fi kwarantina, u]

ma kinux inżammu preċedentement fi stabbiliment ta' status inferjuri;

II.3.1.2. inżammu kontinwament għal ta' l-inqas 60 jum fi stabbiliment fejn l-ebda każ ta' epididymitis (*Brucella ovis*) li tittieħed ma ġiet djanjostikata fl-aħħar 12-il xahar,

*(1) u* [u annimali ovini li matul is-60 jum ta' qabel ma qagħdu fl-akkomodazzjoni fi kwarantina deskritta fil-punt II.3.2 għamlu test tal-fissazzjoni kumplimentari, jew kwalunkwe test ieħor b'sensittività u speċifiċità dokumentata ekwivalenti, biex tinstab epididymitis li tittieħed b'riżultat ta' inqas minn 50 IU/ml;]

II.3.1.3. sa fejn naf jien u skond id-dikjarazzjoni bil-miktub li saret mis-sid mhumiex ġejjin minn stabbilimenti, u ma ġewx f'kuntatt ma' annimali ta' stabbiliment, fejn instabet klinkament kwalunkwe waħda mill-mard li ġejjin fi żmien il-perjodi dikjarati qabel ma qagħdu fl-akkomodazzjoni fi kwarantina deskritta fil-punt II.3.2:

(a) agalactia tan-nagħaġ u l-mogħoż li tittieħed (*Mycoplasma agalactiae, Mycoplasma capricolum, Mycoplasma mycoides var. mycoides* "kolonja kbira"), matul l-aħħar sitt xhur,

(b) paratuberkolożi u caseous limfadenite, matul l-aħħar 12-il xahar,

(c) adenomatosi pulmonarja, matul l-aħħar tliet snin; u

*(1) jew* [(d) Maedi/Visna għan-nagħaġ jew artrite virali kaprina/enċefalite għall-mogħoż, matul l-aħħar tliet snin;]

*(1) jew* [(d) Maedi/Visna għan-nagħaġ jew artrite virali kaprina/enċefalite għall-mogħoż, matul l-aħħar 12-il xahar, l-annimali infettati kollha nqatlu u l-annimali li kien fadal sussegwentement irreaġixxew negattivament għal żewġ testijiet ta' l-inqas sitt xhur 'il bogħod minn xulxin;]

II.3.1.4. huma inklużi f'sistema uffiċjali għan-notifika ta' mard imsemmi fil-punt II.3.1.3;

II.3.2. issodisfaw il-perjodu ta' iżolament fi kwarantina ta' mill-inqas 28 jum u fi żmien dak il-perjodu, u ta' l-inqas 21 jum wara li ġew ammessi fl-akkomodazzjoni ta' kwarantina, għamlu b'riżultati negattivi t-testijiet, li saru mil-laboratorju approvat mill-awtorità kompetenti tal-pajjiż esportatur, għal:

— brucellosis (*B. melitensis*) skond l-Anness C tad-Direttiva 91/68/KEE;

— epididimite ovina (*Brucella ovis*), fil-każ ta' nagħaġ biss, skond l-Anness D tad-Direttiva 91/68/KEE, jew kwalunkwe test ieħor b'sensitività u speċifiċità dokumentati ekwivalenti

— virus tal-marda Border;

II.3.3. għamlu mill-inqas darba fis-sena t-testijiet ta' rutina b'riżultati negattivi għal:

— brucellosis (*B. melitensis*) skond l-Anness C tad-Direttiva 91/68/KEE;

— epididimite ovina (*Brucella ovis*), skond l-Anness D tad-Direttiva 91/68/KEE, jew kwalunkwe test ieħor b'sensitività u speċifiċità dokumentati ekwivalenti fil-każ ta' nagħaġ biss;

II.4. Is-semen li jrid jiġi esportat nkiseb minn muntuni/annimali maskili ([1]) donaturi li:

II.4.1. ma juru l-ebda sinjali kliniċi ta' mard dak in-nhar tal-ġbir tas-semen;

*([1]) jew* [II.4.2. ma tlaqqmux kontra l-marda ta' l-ilsien u d-dwiefer matul it-12-il xahar ta' qabel il-ġbir tas-semen;]

*([1]) jew* [II.4.2. tlaqqmu kontra l-marda ta' l-ilsien u d-dwiefer bejn 7 u 12-il xahar qabel il-ġbir, u 5 % (b'minimu ta' ħames tibniet) ta' kull ġabra ntbagħtu għat-test ta' iżolament tal-virus għall-marda ta' l-ilsien u dwiefer b'riżultati negattivi;]

II.4.3. inżammu f'ċentru ta' ġbir tas-semen approvat għal perjodu kontinwu ta' mill-inqas 30 jum eżatt qabel ma jinġabar is-semen, fil-każ tal-ġbir ta' semen frisk;

II.4.4. ma servewx naturalment wara d-dħul tagħhom fl-akkomodazzjoni ta' kwarantina deskritti fil-punt II.3.2 u sa u inkluż dakinhar tal-ġbir tas-semen;

II.4.5. inżammu fiċ-ċentri ta' ġbir tas-semen approvati

II.4.5.1. li kienu liberi mill-marda ta' l-ilsien u d-dwiefer għal ta' l-anqas tliet xhur qabel il-ġbir tas-semen u 30 jum wara l-ġbir jew, fil-każ ta' semen frisk, sad-data ta' dispaċċ, u li jinsabu fiċ-ċentru ta' żona ta' raġġ ta' 10 kilometri fejn ma kien hemm l-ebda każ tal-marda ta' l-ilsien u d-dwiefer qabel il-ġbir tas-semen;

II.4.5.2. li kienu liberi, matul il-perjodu li beda 30 jum qabel il-ġbir u li ntemm 30 jum wara l-ġbir tas-semen jew, fil-każ ta' semen frisk, sad-data ta' dispaċċ, minn brucellosis (*B. melitensis*), epididimite li tittieħed (*B. ovis*), anthrax u idrofobija;

*([1]) jew* [II.4.6. baqgħu fil-pajjiż esportatur għal talanqas l-aħħar sitt xhur qabel il-ġbir tas-semen li jrid jiġi esportat;]

*([1]) jew* [II.4.6. baqgħu fil-pajjiż esportatur għal talanqas 30 jum qabel il-ġbir tas-semen mindu daħlu u ġew importati minn ...................... ([2]) matul il-perjodu ta' inqas minn sitt xhur qabel il-ġbir tas-semen u ssodisfaw il-kundizzjonijiet dwar saħħet l-annimali li japplikaw għad-donaturi tas-semen maħsub għall-esportazzjoni lejn il-Komunità;]

*([1]) jew* [II.4.7. inżammu f'pajjiż jew żona libera mill-virus ta' l-ilsien blu għal mill-inqas 60 jum qabel, u matul, il-ġbir tas-semen;]

*([1]) jew* [II.4.7. inżammu f'żona libera mill-virus ta' l-ilsien blu għal mill-inqas 60 jum qabel, u matul, il-ġbir tas-semen;]

*([1]) jew* [II.4.7. inżammu protetti mill-vettur kompetenti tal-virus ta' l-ilsien blu *Culicoides* għal mill-inqas 60 jum qabel, u matul, il-ġbir tas-semen;]

*([1]) jew* [II.4.7. sarilhom test seroloġiku biex jiskopri antikorpi tal-grupp tal-virus ta' l-ilsien blu, magħmul skond il-Manwal tat-Testijiet Dijanjostiċi u t-Tilqim għall-Annimali Terrestri b'riżultati negattivi fuq kampjuni meħuda bejn 21 u 60 jum wara l-ġbir tas-semen;]

*([1]) jew* [II.4.7. għamel test ta' l-identifikazzjoni ta' l-aġent għall-virus ta' l-ilsien blu, imwettaq skond il-Manwal tat-Testijiet Dijanjostiċi u t-Tilqim għall-Annimali Terrestri b'riżultati negattivi fuq kampjuni tad-demm meħuda dakinhar tal-ġbir tas-semen u ta' l-inqas kull 7 ijiem (test ta' l-iżolament tal-virus) jew ta' l-inqas kull 28 jum (test PCR) matul il-ġbir tas-semen u tħarsu mill-vettur kompetenti tal-virus ta' l-ilsien blu *Culicoides* waqt il-ġbir tas-semen;]

*([1]) jew* [II.4.8. kienu residenti fil-pajjiż esportatur ([5]) li skond is-sejbiet uffiċjali huwa liberu minn mard epiżotiku li jikkawża l-emorraġija (EHD);]

*([1]) jew* [II.4.8. kienu residenti fil-pajjiż esportatur ([5]) li skond is-sejbiet uffiċjali fih jeżistu serotipi ta' mard epiżotiku li jikkawża l-emorraġija (EHD);] ......................u ġew ittestjati f'żewġ okkażjonijiet minn test ta' l-agar-gel immuno-diffusion jew immunosorbent assay ([6]) kompetittiv marbut ma' l-enzimi u test tan-newtralizzazzjoni tal-virus għas-serotipi kollha ta' EHD imniżżla hawn fuq, li saru b'riżultati negattivi f'laboratorju approvat fuq kampjuni ta' demm meħuda mhux aktar minn 12-il xahar 'il bogħod minn xulxin qabel u mhux anqas minn 21 ġurnata wara l-ġbir tas-semen;]

*([1]) jew* [II.4.9. kienu residenti fil-pajjiż esportatur ([5]) li skond is-sejbiet uffiċjali huwa ħieles mill-marda Akabane u l-marda Aino;]

*([1]) jew* [II.4.9. u kienu residenti fil-pajjiż esportatur ([5]) u ġew ittestjati f'żewġ okkażjonijiet b'test ta' l-agar-gel immuno-diffusion u test tan-newtralizzazzjoni tas-serum għall-virus Akabane u Aino mwettqa b'riżultati negattivi f'laboratorju approvat fuq kampjuni tad-demm meħuda mhux aktar minn 12-il xahar 'il bogħod minn xulxin qabel u mhux inqas minn 21 jum wara l-ġbir tas-semen;]

II.5. is-semen li jrid jiġi esportat

II.5.1. inġabar wara d-data ta' meta ċ-ċentru ġie approvat mill-awtorità kompetenti tal-pajjiż esportatur;

II.5.2. ġie pproċessat, maħżun u ttrasportat skond kundizzjonijiet li jissodisfaw it-termini stipulati fil-Kapitolu III ta' l-Anness D tad-Direttiva 92/65/KEE;

*([1]) jew* [II.5.3. jissodisfa r-rekwiżiti tal-Kapitolu A(I) ta' l-Anness VIII tar-Regolament (KE) Nru 999/2001.]

*([1]) jew* [II.5.3. jissodisfa r-rekwiżiti tal-Kapitolu A(I) ta' l-Anness VIII tar-Regolament (KE) Nru 999/2001 u huwa ddestinat għal Stat Membru li jibbenefika, għat-territorju kollu tiegħu jew parti minnu, mid-dispożizzjonijiet stipulati fil-punt (b) jew (c) tal-Kapitolu A(I) ta' l-Anness VIII tar-Regolament (KE) Nru 999/2001 u l-annimali donaturi jikkonformaw rigward scrapie bil-garanziji stipulati mill-programmi msemmija f'dak il-punt u bil-garanziji ([7]) mitluba mill-Istati Membri ta' destinazzjoni.]

**Noti**

**Parti I:**

— Kaxxa ta' referenza I.8.: Ipprovdi l-kodiċi tat-territorju kif jidher fl-Anness I tad-Deċiżjoni 2008/635/KE.

— Kaxxa ta' referenza I.11.: post ta' l-oriġini għandu jikkorrispondi għaċ-ċentru ta' ġbir tas-semen ta' l-oriġini tas-semen elenkati fl-Anness I tad-Deċiżjoni 2008/635/KE

— Kaxxa ta' referenza I.22.: għadd ta' pakketti għandu jikkorrispondi ma' l-għadd ta' kontenituri.

— Kaxxa ta' referenza I.23.: l-identifikazzjoni tal-kontenitur u n-numru tas-siġill għandhom jiġu indikati.

— Kaxxa ta' referenza I.28: Speċi: agħżel bejn "*Ovis aries*" u "*Capra hircus*" kif xieraq.

*il-marka ta' identifikazzjoni* għandha tikkorrispondi ma' l-identifikazzjoni ta' l-annimali donaturi u d-data tal-ġbir.

Numru ta' l-approvazzjoni taċ-ċentru: għandu jikkorrispondi maċ-ċentru ta' ġbir tas-semen ta' l-oriġini tas-semen elenkati fl-Anness I tad-Deċiżjoni 2008/635/KE

**Parti II:**

(1) Ħassar kif meħtieġ.
(2) Pajjiżi elenkati fl-Anness I tad-Deċiżjoni 2008/635/KE.
(3) It-testijiet għandhom isiru skond l-Anness C tad-Direttiva 91/628/KEE.
(4) Għat-territorju li jkollu l-annotazzjoni "V" fil-kolonna 6 tal-Parti 1 ta' l-Anness I tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 79/542/KEE [ĠU L 146, 14.6.1979, p. 15] kif emendata l-aħħar biss.
(5) Ara r-rimarki għall-pajjiż esportatur ikkonċernat fl-Anness I tad-Deċiżjoni 2008/635/KE.
(6) Standards għat-testijiet dijanostiċi tal-virus EHD huma deskritti fil-Kapitolu Bluetongue tal-Manwal tat-Testijiet Dijanostiċi u t-Tilqim għall-Annimali Terrestri.
(7) Garanziji addizzjonali kif stipulati fl-Artikolu 2 tar-Regolament (KE) Nru 546/2006 [ĠU L 94, 1.4.2006, p. 28].
— Il-firma u t-timbru jridu jkunu b'kulur differenti minn dak ta' l-istampar.

Veterinarju uffiċjali

Isem (f'ittri kapitali): Kwalifika u titlu:

Data: Firma:

Timbru:

*ANNESS III*

**Lista ta' pajjiżi terzi u timijiet approvati għall-ġbir ta' l-embrijuni li minnhom l-Istati Membri jridu jawtorizzaw l-importazzjonijiet ta' l-ova u l-embrijuni ta' l-ispeċi ovini u kaprini**

| Kodiċi ta' l-ISO | Isem tal-pajjiż terz | Numru ta' l-approvazzjoni tat-tim | Isem tat-tim | Indirizz tat-tim | Data ta' l-approvazzjoni tat-tim | Rimarki | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | | | | Deskrizzjoni tat-territorju (*jekk ikun xieraq*) | Garanziji addizzjonali |
| AU | L-Awstralja | | | | | | Il-garanziji addizzjonali fir-rigward ta' l-ittestjar stipulati fil-punti II.5.1 u II.5.2 taċ-ċertifikat fl-Anness IV huma obbligatorji. |
| CA | Il-Kanada | | | | | It-territorju kif deskritt fl-Ewwel Parti ta' l-Anness I għad-Deċiżjoni 79/542/KEE | Il-garanzija addizzjonali fir-rigward ta' l-ittestjar stipulata fil-punt II.5.2 taċ-ċertifikat fl-Anness IV hija obbligatorja. |
| CH | L-Iżvizzera | | | | | | |
| CL | Iċ-Ċilì | | | | | | |
| GL | Greenland | | | | | | |
| HR | Il-Kroazja | | | | | | |
| IS | L-Iżlanda | | | | | | |
| NZ | In-New Zealand | | | | | | |
| PM | Saint Pierre and Miquelon | | | | | | |
| US | L-Istati Uniti | | | | | | Il-garanzija addizzjonali fir-rigward ta' l-ittestjar stipulata fil-punt II.5.2 taċ-ċertifikat fl-Anness IV hija obbligatorja. |

*Noti*

(a) Iċ-ċertifikati tas-saħħa għandhom jiġu prodotti mill-pajjiż li jesporta, ibbażati fuq il-mudell li jidher fl-Anness IV. Dawn għandhom jinkludu, fl-ordni nnumerata li tidher fil-mudell, l-attestazzjonijiet li huma meħtieġa għal kwalunkwe pajjiż terz u, kif jista’ jkun il-każ, dawk il-garanziji supplimentari li huma meħtieġa għall-pajjiż terz li jesporta kif indikat fl-Anness III.

Jekk jintalab dan mill-Istat Membru ta’ l-UE tad-destinazzjoni, ir-rekwiżiti taċ-ċertifikazzjoni addizzjonali għandhom jiġu inkorporati wkoll fil-forma oriġinali taċ-ċertifikat tas-saħħa.

(b) Il-verżjoni oriġinali ta’ kull ċertifikat għandha tikkonsisti minn paġna waħda, b’żewġ naħat, jew, fejn ikun hemm bżonn ta’ aktar kitba, din għandha tkun f’tali forma li l-paġni kollha meħtieġa jkunu jagħmlu parti minn kopja sħiħa integrata u indiviżibbli.

(ċ) Iċ-ċertifikat għandu jiġi abbozzat f’mill-inqas waħda mil-lingwi uffiċjali ta’ l-Istat Membru ta’ l-UE fejn għandha ssir l-ispezzjoni fil-post fuq il-fruntiera u ta’ l-Istat Membru ta’ l-UE tad-destinazzjoni. Madankollu, dawn l-Istati Membri jistgħu jippermettu lingwa Komunitarja oħra minflok il-lingwa tagħhom, akkumpanjata, jekk ikun hemm bżonn, minn traduzzjoni uffiċjali.

(d) Jekk għal raġunijiet ta’ identifikazzjoni ta’ l-oġġetti tal-konsenja (skeda fil-punt I.28 tal-mudell taċ-ċertifikat), jiġu meħmuża paġni addizzjonali maċ-ċertifikat, dawn il-paġni għandhom jitqiesu wkoll bħala li jiffurmaw parti mill-verżjoni oriġinali taċ-ċertifikat bl-applikazzjoni tal-firma u t-timbru tal-veterinarju uffiċjali li jiċċertifika, fuq kull paġna.

(e) Meta ċ-ċertifikat, inklużi l-iskedi addizzjonali msemmija fil-punt d), ikun jinkludi aktar minn paġna waħda, kull paġna għandha tkun innumerata – (*numru tal-paġna*) minn (*numru totali ta’ paġni*) – fil-parti ta’ isfel tagħha u għandha ġġib in-numru tal-kodiċi taċ-ċertifikat li jkun ġie speċifikat mill-awtorità kompetenti fuq il-parti ta’ fuq tagħha.

(f) Il-verżjoni oriġinali taċ-ċertifikat għandha titlesta u tiġi ffirmata minn veterinarju uffiċjali sa l-aħħar ġurnata tax-xogħol qabel issir it-tagħbija tal-konsenja għall-esportazzjoni lejn il-Komunità. Meta jagħmlu dan, l-awtoritajiet kompetenti tal-pajjiż li jesporta għandhom jassiguraw li jiġu segwiti l-prinċipji taċ-ċertifikazzjoni ekwivalenti għal dawk stipulati fid-Direttiva tal-Kunsill 96/93/KE.

Il-kulur tal-firma għandu jkun differenti minn dak ta’ l-istampar. L-istess regola tapplika għal timbri differenti minn dawk li jkunu mqabbżin jew tat-tip *watermark*.

(g) Il-verżjoni oriġinali taċ-ċertifikat għandha takkumpanja l-konsenja sakemm din tasal fil-post ta’ l-ispezzjoni fuq il-fruntiera ta’ l-UE.

(h) Iċ-ċertifikat għandu jkun validu għal għaxart ijiem mid-data tal-ħruġ. Fil-każ ta’ trasport bil-baħar, iż-żmien tal-validità jittawwal skond iż-żmien li jieħu l-vjaġġ bil-vapur.

(i) L-ova/l-embrijuni u s-semen m’għandhomx jiġu ttrasportati flimkien fl-istess kontejner ma’ ova/embrijuni u semen oħrajn li, jew id-destinazzjoni tagħhom m’hijiex il-Komunità Ewropea, jew inkella huma ta’ status tas-saħħa aktar baxx.

(j) Matul it-trasport tiegħu lejn il-Komunità Ewropea, il-kontejner għandu jibqa’ magħluq u s-siġill m’għandux jinkiser.

(k) In-numru tar-referenza taċ-ċertifikat imsemmi fil-kaxxi I.2 u II.a. għandu jinħareġ mill-awtorità kompetenti.

*ANNESS IV*

**Mudell taċ-ċertifikat tas-saħħa għall-importazzjoni ta' l-ova u l-embrijuni ta' l-ispeċi ovini u kaprini**

**PAJJIŻ:** **Iċ-ċertifikat veterinarju għall-UE**

**Parti I: Dettalji tal-kunsinja mibgħuta**

| | |
|---|---|
| I.1. Kunsinnatur<br>Isem<br>Indirizz<br>Tel.Nru | I.2. Numru ta' Certifikat ta' riferenza / I.2.a<br>I.3. Awtorita Centrali kompetenti<br>I.4. Awtorita lokali kompetenti |
| I.5. Destinatarju<br>Isem<br>Indirizz<br>Kodici Postali<br>Tel.Nru | I.6. Persuna responsabbli mill-kunsinja fl-UE<br>Isem<br>Indirizz<br>Kodici Postali<br>Tel.Nru |
| I.7. Pajjiz ta' origini — Kodici ISO<br>I.8. Regjun ta' origini — Kodici | I.9. Pajjiz ta' destinazzjoni — Kodici ISO<br>I.10. Regjun ta' destinazzjoni — Kodici |
| I.11. Pajjiz ta' origini<br>Isem — Numru approvat<br>Indirizz<br>Isem — Numru approvat<br>Indirizz<br>Isem — Numru approvat<br>Indirizz | I.12. Post ta' destinazzjoni<br>Isem<br>Indirizz<br>Kodici Postali |
| I.13. Post ta' tghabija | I.14. Data ta' tluq |
| I.15. Mezz ta' trasport<br>Ajruplan ☐ Vaxxel ☐ Vagun ☐<br>Vejikolu tat-triq ☐ Ohrajn ☐<br>Identifikazzjoni:<br>Referenzi Dokumentarji: | I.16. BIP tad-dħul fl-UE<br>I.17. |
| I.18. Deskrizzjoni tal-prodott | I.19. Kodici tal-Komodita (Kodici CN)<br>**05 11 99 90**<br>I.20. Kwantita |
| I.21. | I.22. Numru ta' pakketti |
| I.23. Identifikazzjoni tal-kontenitur/ Numru ta' sigill | I.24. |
| I.25. Prodotti ċċertifikati<br>Riproduzzjoni artificjali ☐ | |
| I.26. Għat-tranżitu fl-UE lejn Pajjiż Terz ☐<br>Pajjiz terz — Kodici ISO | I.27. Għall-importazzjoni jew l-ammissjoni fl-UE ☐ |

I.28. Identifikazzjoni tal-prodotti

| Speċi (Isem xjentifiku) | Kategorija | Marka ta ' identifikazzjoni | Numru ta ' approvazzjoni ta ' l-iskwadra | Kwantità |
|---|---|---|---|---|
| | | | | |

**PAJJIŻ** **Ova/embrijuni ta ' l-ovini u l-kaprini**

Parti II: Ċertifikazzjoni

| II. Informazzjoni dwar is-saħħa | II.a. Numru tar-referenza taċ-ċertifikat | II.b. |
|---|---|---|

Jien, il-veterinarju uffiċjali sottoskritt, b'dan niċċertifika li:

II.1. il-pajjiż esportatur ..........
(isem il-pajjiż esportatur) (2)

II.1.1. kien liberu minn rinderpest, peste des petits ruminants, ġidri tan-nagħaġ u tal-mogħoż, plewropnewmonite ta' l-annimali kaprini li tittieħed u mill-marda ta' Rift Valley matul it-12-il xahar immedjatament qabel il-ġbir ta' l-ova/embrijuni (1) li riedu jiġu esportati u sad-data tad-dispaċċ tagħhom u ma sar l-ebda tilqim kontra dawn il-mard matul dak il-perjodu;

*(1) jew* [II.1.2. kien liberu mill-marda ta' l-ilsien u d-dwiefer matul it-12-il xahar immedjatament qabel il-ġbir ta' l-ova/embrijuni (1) u ma laqqamx kontra l-marda ta' l-ilsien u d-dwiefer matul dak il-perjodu;]

*(1) jew* [II.1.2. ma kienx liberu mill-marda ta' l-ilsien u d-dwiefer matul it-12-il xahar immedjatament qabel il- ġbir ta' l-ova/embrijuni (1) u/jew ma laqqamx kontra l-marda ta' l-ilsien u d-dwiefer matul dak il-perjodu u d-donaturi femminili ġew minn stabbilimenti fejn l-ebda annimal ma tlaqqam kontra l-marda ta' l-ilsien u d-dwiefer matul-it-30 jum qabel il-ġbir u l-ebda annimal ta' speċi suxxettibbli ma wera sinjali kliniċi tal-marda ta' l-ilsien u d-dwiefer matul it-30 jum qabel u mill-inqas it-30 jum ta' wara, il-ġbir ta ' l-ova/ embrijuni (1) u l-ova/embrijuni ma kinux suġġetti għall-penetrazzjoni taż-żona pelluċida;]

II.2. l-ova/embrijuni (1) li riedu jiġu esportati

II.2.1. inġabru u ġew ipproċessati fi stabbilimenti fejn ma kien hemm l-ebda inċidenza ta' marda ta' l-ilsien u d-dwiefer, stomatite vesikulari, deni ta' Rift Valley f'raġġ ta' 10 km minnhom fit-30 jum eżatt qabel il-ġbir tagħhom;

II.2.2. inħażnu f'kull ħin fi stabbilimenti approvati fejn ma kien hemm l-ebda inċidenza ta' marda ta' l-ilsien u d-dwiefer, stomatite vesikulari jew deni ta' Rift Valley f'raġġ ta' 10 km minnhom mill- mument minn meta nġabru sa 30 jum wara;

II.3. it-tim tal-ġbir ta' embrijuni deskritt fil-punt I.11:

II.3.1. kien approvat mill-awtorità kompetenti għall-esportazzjoni ta' ova/embrijuni (1) ta' l-ispeċi ovina u kaprina lill-Komunità Ewropea;

II.3.2. ġabar, ipproċessa, ħażen u ttrasporta l-ova/embrijuni (1) li jridu jiġu esportati skond il-Kapitolu III ta' l-Anness D tad-Direttiva 92/ 65/KEE;

II.3.3. hija suġġetta għall-ispezzjoni minn veterinarju uffiċjali ta' l-inqas darbtejn fis-sena;

II.4. id-donaturi femminili:

*(1) jew* [II.4.1. inżammu f' pajjiż jew żona libera mill-virus ta' l-ilsien blu għal mill-inqas 60 jum qabel, u matul, il-ġbir ta' l-ova/embrijuni] (1);]

*(1) jew* [II.4.1. inżammu waqt perjodu staġjonali liberu mill-virus ta' l-ilsien blu f'żona stġjonalment libera;]

*(1) jew* [II.4.1. inżammu protetti mill-vettur kompetenti tal-virus ta' l-ilsien blu *Culicoides* għal mill-inqas 60 jum qabel, u matul, il-ġbir ta' l-ova/ embrijuni (1);]

*(1) jew* [II.4.1. sarilhom test seroloġiku biex jiskopri antikorpi tal-grupp tal-virus ta' l-ilsien blu, magħmul skond il-Manwal tat-Testijiet Dijanjostiċi u t-Tilqim għall-Annimali Terrestri bejn 21 u 60 jum wara l-ġbir ta' l-ova/embrijuni (1) u b'riżultati negattivi;]

*(1) jew* [II.4.1. sarilhom test ta' identifikazzjoni ta' l-aġent għall-virus ta' l-ilsien blu, magħmul skond il- Manwal tat-Testijiet Dijanjostiċi u t-Tilqim għall-Annimali Terrestri fuq kampjun tad-demm meħud dak in-nhar tal-ġbir ta' l-ova/embrijuni (1) jew fil-jum tat-tbiċċir u b'riżultati negattivi;]

II.4.2. skond l-aħjar għarfien tiegħi u skond id-dikjarazzjoni bil-miktub magħmula mis-sid, dawn l-annimali m'humiex ġejjin minn postijiet, u ma kienux f'kuntatt ma' annimali ta' post, fejn setgħet tiġi osservata kwalunkwe mill-mard li ġej fi żmien il-perjodi msemmija qabel il-ġbir ta' l-ova/embrijuni (1) li jridu jiġu esportati:

(a) agalactia tan-nagħaġ u l-mogħoż li tittieħed (*Mycoplasma agalactiae, Mycoplasma capricolum, Mycoplasma mycoides var. mycoides* "kolonja kbira"), fi żmien l-aħħar sitt xhur;

(b) paratuberkolożi u caseous limfadenite, fi żmien l-aħħar 12-il xahar;

(c) adenomatosi pulmonarja, fi żmien l-aħħar tliet snin; u

*(1) jew* [(d) Maedi/Visna għan-nagħaġ jew artrite virali kaprina/enċefalite għall-mogħoż, fi żmien l-aħħar tliet snin;]

*(1) jew* [(d) Maedi/Visna għan-nagħaġ jew artrite virali kaprina/enċefalite għall-mogħoż, fi żmien l-aħħar 12-il xahar, l-annimali infettati kollha inqatlu u l-annimali li kien fadal sussegwentement irreaġixxew negattivament għal żewġ testijiet ta' l-inqas sitt xhur 'il bogħod minn xulxin;]

II.4.3. huma inklużi f’sistema uffiċjali għan-notifika ta’ mard imsemmi fil-punt II.4.2;

II.4.4. ma wrew ebda sinjali kliniċi ta’ mard fil-jum tal-ġbir ta' l-ova/embrijuni (1);

*(1) (4) jew* [II.4.5. joriġinaw minn territorju deskritt fil-punt I.8, li ġie rikonoxxut bħala uffiċjalment ħieles mill-bruċellosis (*B. melitensis*), u]

*(1) jew* [II.4.5. appartjenew lil stabbiliment li kiseb u żamm l-istatus tiegħu bħala uffiċjalment ħieles mill-brucellosis (*B. melitensis*) skond id-Direttiva 91/68/KE, u]

*(1) jew* [II.4.5. joriġinaw minn stabbiliment, fejn fir-rigward tal-brucellosis (*B. melitensis*) l-annimali suxxettibbli kollha kienu liberi minn sinjali kliniċi jew kwalunkwe sinjali ta' din il-marda għall- aħħar 12-il xahar, l-ebda annimali ovini u kaprini ma tlaqqmu kontra l-marda, ħlief dawk imlaqqma minn tilqima Rev. 1 iktar minn sentejn ilu, u l-annimali ovini u kaprini kollha ta' età ta' iktar minn sitt xhur ġew suġġetti għal ta' l-inqas żewġ testijiet (3), li saru b'riżultati negattivi fuq kampjuni meħuda ............................ (*data*) u ............................ (*data*) ta' l-inqas sitt xhur 'il bogħod minn xulxin, b'ta' l-aħħar ikunu fi żmien 30 jum qabel il-ġbir ta' l-ova/embrijuni (1), u]

ma kinux inżammu preċedentement fi stabbiliment ta' status inferjuri;

*(1) jew* [II.4.6. baqgħu fil-pajjiż esportatur għal talanqas l-aħħar sitt xhur qabel il-ġbir ta' l-ova/embrijuni (1) li jridu jiġi esportati;]

*(1) jew* [II.4.6. baqgħu fil-pajjiż esportatur għal talanqas 30 jum qabel il-ġbir ta' l-ova/embrijuni (1) mindu daħlu u ġew importati minn ………………………. ............................ (2) matul il-perjodu ta’ inqas minn sitt xhur qabel il-ġbir ta' l-ova/embrijuni (1) u ssodisfaw il-kondizzjonijiet dwar saħħet l-annimali li japplikaw għad-donaturi ta' l-ova/embrijuni (1) maħsuba għall-esportazzjoni lejn il-Komunità;]

II.5. L-ova/embrijuni (1) li jridu jiġu esportati

*(1) jew* [II.5.1. inġabru fil-pajjiż esportatur (5) li skond is-sejbiet uffiċjali huwa liberu mill-marda Akabane u l- marda Aino ;]

*(1) jew* [II.5.1. inġabru fil-pajjiż li jesporta (5), u ma kinux suġġetti għal penetrazzjoni fiż-żona pelluċida, u d- donaturi femminili għamlu test tan-newtralizzazzjoni tas-serum għall-virus ta’ l-Akabane, u ta' l-Aino magħmul fuq kampjun tad-demm meħud mhux inqas minn 21 jum wara l-ġbir u b'riżultati negattivi;]

*(1) jew* [II.5.2. inġabru fil-pajjiż esportatur (5), li skond is-sejbiet uffiċjali huwa liberu minn mard epiżotiku li jikkawża l-emorraġija (EHD);]

*(1) jew* [II.5.2. inġabru fil-pajjiż esportatur (5) li skond is-sejbiet uffiċjali fih jeżistu serotipi ta' mard epiżotiku li jikkawża l-emorraġija (EHD);] u ġew ittestjati b'riżultati negattivi f’żewġ okkażjonijiet mhux aktar minn 12-il xahar 'il bogħod minn xulxin f'test ta' l-agar-gel immuno-diffusion jew immunosorbent assay (6) kompetittiv marbut ma' l-enzimi u test tan- newtralizzazzjoni tal-virus għas-serotipi kollha ta’ EHD imniżżla hawn fuq, li saru f’laboratorju approvat fuq kampjuni ta’ demm meħuda qabel u mhux anqas minn 21 jum wara l-ġbir ta' l-ova/embrijuni (1);]

*(1) jew* [II.5.3. jissodisfa r-rekwiżiti tal-Kapitolu A(I) tà l-Anness VIII tar-Regolament (KE) Nru 999/2001;]

*(1) jew* [II.5.3. jissodisfa r-rekwiżiti tal-Kapitolu A(I) ta' l-Anness VIII tar-Regolament (KE) Nru 999/2001 u hija ddestinata għal Stat Membru li jibbenefika, għat-territorju kollu tiegħu jew parti minnu, mid-dispożizzjonijiet stipulati fil-punt (b) jew (c) tal-Kapitolu A(I) ta' l-Anness VIII tar- Regolament (KE) Nru 999/2001 u l-annimali donaturi jikkonformaw rigward scrapie bil-garanziji stipulati mill-programmi msemmija f'dak il-punt u bil-garanziji (7) mitluba mill-Istati Membri ta' destinazzjoni;]

II.6. L-ova/embrijuni (1) li jridu jiġu esportati

II.6.1. inġabru wara d-data ta' meta t-tim tal-ġbir ta' l-embrijuni ġie approvat mill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti tal-pajjiż esportatur;

II.6.2. kienu pproċessati u maħżuna b'kundizzjonijiet approvati għal ta' l-inqas 30 jum eżatt wara l-ġbirt tagħhom u ttrasportati skond il-kundizzjonijiet li jissodisfaw it-termini stipulati fil- Kapitolu III ta' l-Anness D tad-Direttiva 92/65/KEE;

II.7. L-embrijuni ġew ikkonċepiti b'inseminazzjoni artifiċjali bl-użu ta' semen minn ċentri ta' ġbir ta' semen approvati skond l-Artikolu 11(2) u 17(3) rispettivament tad-Direttiva 92/65/KEE u li jinsab fi Stat Membru tal-Komunità Ewropea jew f'pajjiż terz elenkat fl-Anness I tad-Deċiżjoni 2008/635/EC [*għandha tiddaħħal ir-referenza għad-Deċiżjoni preżenti*]. (8)

**Noti**

**Parti I:**

— Kaxxa ta’ referenza I.8.: Ipprovdi l-kodiċi tat-territorju kif jidher fl-Anness III tad-Deċiżjoni 2008/635/KE *[għandha tiddaħħal ir-referenza għad-Deċiżjoni preżenti]*.

— Kaxxa ta’ referenza I.11.: post ta' l-oriġini għandu jikkorrispondi mat-tim ta' ġbir ta' l-embrijun li bihom inġabru, ġew ipproċessati u nħażnu l-ova/ embrijunielenkati u elenkati fl-Anness I tad-Deċiżjoni 2008/635/KE *[għandha tiddaħħal ir-referenza għad-Deċiżjoni preżenti]*

— Kaxxa ta’ referenza I.22. għadd ta' pakketti għandu jikkorrispondi ma' l-għadd ta' kontenituri.

— Kaxxa ta’ referenza I.23.: l-identifikazzjoni tal-kontenitur u n-numru tas-siġill għandhom jiġu indikati.

— Kaxxa ta’ referenza I.28.: *Speċi*: agħżel bejn *‘Ovis aries’* u *‘Capra hircus’* kif xieraq.

*Kategorija*: speċifika jekk a) penetrazzjoni jew b) mingħajr penetrazzjoni taż-żona pelluċida.

*il-marka ta’ identifikazzjoni*: għandha tikkorrispondi ma’ l-identifikazzjoni ta’ l- annimali donaturi u d-data tal-ġbir.

*Numru ta’ approvazzjoni ta’ l-iskwadra:* għandu jikkorrispondi mat-tim ta' ġbir ta' embrijun ta' l-oriġini ta' l-ova/embrijuni elenkati fl-Anness III tad-Deċiżjoni 2008/635/KE /KE *[għandha tiddaħħal ir-referenza għad-Deċiżjoni preżenti]*

**Parti II:**

(1) Ħassar kif xieraq.

(2) Pajjiżi elenkati fl-Anness I tad-Deċiżjoni 2008/635/KE [*għandha tiddaħħal ir-referenza għad- Deċiżjoni preżenti*] .

(3) It-testijiet għandom isiru skond l-Anness C tad-Direttiva 91/628/KEE.

(4) Għat-territorju li jkollu l-annotazzjoni ‘V’ fil-kolonna 6 tal-Parti 1 ta’ l-Anness I tad-Deċiżjoni tal- Kunsill 79/542/KEE [ĠU L 146, 14.6.1979, p. 15] kif emendata l-aħħar biss.

(5) Ara r- rimarki għall-pajjiż esportatur ikkonċernat fl-Anness III tad-Deċiżjoni 2008/635/KE *[għandha tiddaħħal ir-referenza għad-Deċiżjoni preżenti].*

(6) Standards għat-testijiet dijanostiċi tal-virus EHD huma deskritti fil-Kapitolu Bluetongue tal- Manwal tat-Testijiet Dijanostiċi u t-Tilqim għall-Annimali Terrestri.

(7) Garanziji addizzjonali kif stipulati fl-Artikolu 2 tar-Regolament (KE) Nru 546/2006 [ĠU L 94, 1.4.2006, p.28].

(8) Ċentri tal -ġbir tas-semen approvati skond il-leġiżlazzjoni tal-KE huma elenkati fis-sit elettroniku tal- Kummissjoni: http://circa.europa.eu/irc/sanco/vets/info/data/semen/semen.html

— Il-firma u t-timbru jridu jkunu b’ kulur differenti minn dak ta’ l-istampar.

Veterinarju uffiċjali

| | |
|---|---|
| Isem (f’ ittri kapitali): | Kwalifika u titlu: |
| Data: | Firma: |

Timbru: